## Digriet tal-Qorti Ġenerali tat-23 ta' Settembru 2014 – Jaczewski vs Il-Kummissjoni

**(Kawża T-178/13)** ([1])

***("Rikors għal annullament — Agrikoltura — Interess ġuridiku — Att leġiżlattiv li jinkludi miżuri ta' implementazzjoni — Nuqqas ta' interess individwali — Inammissibbiltà")***

(2014/C 409/58)

*Lingwa tal-kawża: il-Pollakk*

### Partijiet

*Rikorrent:* Grzegorz Jaczewski (Bielany, il-Polonja) (rappreżentant: M. Goss, avukat)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: P. Rossi u A. Szmytkowska, aġenti)

### Suġġett

Talba għall-annullamment parzjali tad-Deċiżjoni ta' Implementazzjoni tal-Kummissjoni C (2012) 5049 finali, tal-24 ta' Lulju 2012, li tawtorizza l-għoti ta' pagamenti diretti nazzjonali addizzjonali fil-Polonja għas-sena 2012.

### Dispożittiv

1) *Ir-rikors huwa miċħud bħala inammissibbli.*

2) *Grzegorz Jaczewski huwa kkundannat għall-ispejjeż.*

([1]) ĠU C 156, 01.06.2013.

---

## Digriet tal-Qorti Ġenerali tal-10 ta' Settembru 2014 – Zentralverband des Deutschen Bäckerhandwerks vs Il-Kummissjoni

**(Kawża T-354/13)** ([1])

***("Rikors għal annullament — Indikazzjoni ġeografika protetta 'Kołocz śląski jew Kołacz śląski' — Ċaħda tat-talba għall-applikazzjoni għal reġistrazzjoni — Att li ma jistax jiġi kkontestat — Inammissibbiltà")***

(2014/C 409/59)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

### Partijiet

*Rikorrenti:* Zentralverband des Deutschen Bäckerhandwerks eV (Berlin, il-Ġermanja) (rappreżentanti: I. Jung, M. Teworte-Vey, A. Renvert u J. Saatkamp, avukati)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: D. Triantafyllou u G. von Rintelen, avukati)

### Suġġett

Talba għall-annullament tal-allegata deċiżjoni tal-Kummissjoni li tinsab fl-ittra tat-8 April 2013 tad-Direttur Ġenerali tad-Direttorat Ġenerali "Agrikoltura u Żvilupp Rurali" tal-Kummissjoni, li tipprovdi t-talba għall-annullament tal-applikazzjoni għal reġistrazzjoni tar-rikorrent tal-indikazzjoni ġeografika protetta "Kołocz śląski" jew "Kołacz śląski" hija inammissibbli.

### Dispożittiv

1) *Ir-rikors huwa miċħud bħala inammissibbli.*